**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 02/12(16_04_12).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 16 t' April 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-5 t' April 2012.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Offerti MXR/003/2011 – Proġett Pjazza tal-Knisja.
6. Offerti MXR/001/2012 – Pavimentar Tal-Ponta/Passaġġ tal-Kantra.
7. Memo 65/2011 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012.
8. Memo 90/2011 – Skema Attivitajiet Sportivi 2012.
9. Festa 2012 ta' San Pawl Nawfragu, Il-Munxar.
10. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
11. Rapport tas-Sindku.
12. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
13. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
14. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2011.
15. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 11/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali 10 ta' Marzu 2012 - L-Uffiċċju Amministrattiv tal-Lokalitajiet li għandhom l-Elezzjoni għandu jinżamm magħluq'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 12/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 32930 rigward in-nefqa ta' kull Kunsill Lokali f' dawn l-aħħar ħames snin għat-tindif tal-bajjiet/xtut u jekk ix-xogħol huwiex isir minn ħaddiema tal-Gvern jew Kuntrattur privat.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 13/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Ringrazzjament tas-Servizz li tajtu lill-Kommunita`'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 14/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Iċ-Ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 15/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Laqgħa ta' Konsultazzjoni: Il-Prevenzjoni, Tnaqqis u Kontroll tal-Ħsejjes'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 16/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Direzzjoni dwar l-Ewwel Laqgħa tal-Kunsill Lokali'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 17/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema *EGOV4U* għall-Kunsilli Lokali'.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Manager, XARABANK Team rigward il-programm Xarabank tat-2 ta' Marzu 2012 fejn ser jiddiskuti l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali 2012.

2.09 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 12/2012 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li hija rigward 'Proġett SUNEAGLE'.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Senior Police Inspector, Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex fejn il-Kunsill ġie mistieden għal-laqgħa mas-Supretendent Galea fit-28 ta' Frar 2012.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'EU Sustainable Energy Week 2012'.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Film Commission rigward 'Register for the Malta Film Commission's online directory for local crew, film facilities and production support services'.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Protocol and Consular Services Directorate, Ministeru tal-Affarijiet Barranin rigward 'List of persons enjoying diplomatic immunities and privileges – Act 1 of 1966'.

2.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ rigward 'Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-European Forum for Urban Safety'.

2.15 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-MEPA minħabba li ħejjiet *policy document* speċifiku biex jistabbilixxi l-qafas tal-ippjanar li bih l-art f' Għawdex tista' tkun utilizzata għal skopijiet ta' ħażna u għalhekk il-Kunsill ġie mistieden għal-laqgħa tal-21 ta' Marzu 2012 li l-MEPA ser torganizza għal partijiet interessati.

2.16 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Korporazzjoni Enemalta bil-lista ta' l-applikazzjonijiet li mill-1 ta' Marzu 2012 iridu jiġu meħuda fl-Uffiċini tal-ARMS Ltd. biex jiġu proċessati u xi tagħrif ieħor dwar l-Uffiċini tal-Enemalta u l-*Customer Care*.

2.17 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Health Promotion Unit, Gozo General Hospital rigward diversi attivitajiet organizzati mill-Health Awareness Committee fl-okkażjoni tal-Health Awareness Day, fil-31 ta' Marzu 2012 fl-Arkadia Commercial Centre.

2.18 Il-Kunsill irċieva *poster* mingħand iċ-Circolo Gozitano rigward *talk* minn Mark Attard fit-22 ta' Marzu 2012 li ser tkun dwar l-istorja tal-Kavallieri ta' San Ġwann, ir-ritwali ta' waqt u wara l-mewt tal-Gran Mastri u l-monumenti li jimmarkaw kull Gran Mastru f' Malta.

2.19 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Maniġer tan-Negozju u Strateġija, Korporazzjoni Enemalta rigward 'Ilmenti minn konsumaturi u ħsarat'.

2.20 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Knisja Parrokkjali tal-Qala għall-Gozo International Celebration – Easter Edition bit-tema 'A Call for Unity', fl-24 ta' Marzu 2012.

2.21 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Managing Director, TCTC fejn tkellem dwar il-ħidma tagħhom, il-proġetti E-Councils and E-Democracy fost oħrajn u talab sabiex jiltaqa' mal-Kunsill.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Memo 15/2012 – Laqgħa ta' Konsultazzjoni: Il-Prevenzjoni, Tnaqqis u Kontroll tal-Ħsejjes'.

2.23 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Managing Director, TCTC rigward il-proġett il-ġdid tagħhom bl-isem ta' 'ikids'.

2.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-Malta Confederation of Women's Organisations (MCWO) rigward 'Djalogu Pubbliku: Empowering Women against Violence' fit-30 ta' Marzu 2012 f' Europa House, Valletta.

2.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Sejħa għal Applikazzjonijiet għal ICT Courses fi ħdan l-ESF 4.98 Project' fejn qed jitwasslu żewġ dokumenti mibgħuta mis-Centre for Development, Research and Training (CDRT).

2.26 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Schemes Unit, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Skema ta' finanzjament għall-attivitajiet kulturali – Memo 65/2011'.

2.27 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-MEPA rigward konsultazzjoni pubblika dwar *draft* National Biodiversity Strategy and Action Plan (NBSAP), fejn il-Kunsill ġie mistieden għal *information sessions* fil-5 t' April 2012 fil-Hexagon House, Il-Marsa.

2.28 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Consul General of Malta għal Canada rigward il-programm 'Leħen Malti' li jintwera fil-Canada u parti mill-US u l-festival 'Carrassauga'. Il-Kunsill ġie miltub sabiex jibgħat materjal bħal *film footage* u *cd* bir-ritratti dwar il-lokalita' sabiex ikunu jistgħu jużawhom.

2.29 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Konferenza Internazzjonali – WIN Project – 11 u 12 t' April 2012'. Din il-konferenza ser tkun bit-tema 'Building an Inclusive Society – The New European Challenge' u ser issir fis-San Antonio Hotel, il-Qawra.

2.30 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward il-*white paper* għall-prevenzjoni, t-tnaqqis u l-kontroll tal-ħsejjes u stedina għal-laqgħa ta' konsultazzjoni f' Għawdex fil-11 t' April 2012, fil-Ministeru għal Għawdex.

2.31 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Fundatur tat-Touring Club of Malta u *Chairman* tal-Malta Transport Museum Foundation fejn introduċa ruħu u għamel xi suġġerimenti ta' kif il-Kunsill u huma jistgħu jaħdmu flimkien.

2.32 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand The Malta Horticultural Society rigward il-Wirja annwali bl-isem 'The Great Spring Show' fil-5 u fis-6 ta' Mejju 2012 fil-ġonna u parti fil-Palazz ta' San Anton – Ħ'Attard.

2.33 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Organizzazjonijiet mhux Governattivi Għawdxin l-Administrative Report 2011 u *poster* dwar il-*Public Lecture* 'Promoting Gozitan Identity in the Local, Regional and National Context' minn Dr Raymond C. Xerri fit-28 ta' Marzu 2012, fl-Universita' ta' Malta.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Head Transport Research & Development Unit fi ħdan Transport Malta rigward żewġ talbiet li saru mill-Kunsill.
Il-talba sabiex terġa' ssir *road hump* fi Triq Ras il-Bajjada ma ġietx milqugħa peress li t-triq hija dejqa u għaldaqstant it-traffiku jnaqqas mill-i*speed* awtomatikament. Qed jiġi ssuġġerit li ssir tabella ta' 40km/h *speed limit* u jsiru *slow markings*.
Il-Kunsill kien ser jerġa' jitlob li tiġi kkunsidrata peress li qabel diġa' kien hemm *road hump*.
Għat-talba sabiex issir *central strip* fi Triq il-Biżantini qed titlob *layout plan* bi skala ta' 1:500. Il-persuna li għamlet din it-talba irrifjutat li tagħmel hi l-*layout plans*. Il-Kunsill m'huwiex ser jagħmilha hu peress li b' din il-proposta' jistgħu jinqalgħu problemi ma' terzi persuni.

3.02 Il-Kumitat għall-ismijiet tat-toroq għal Għawdex informa lill-Kunsill u lill-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi li wara li ddiskuta t-talba tagħna, l-Kumitat iddeċieda li m'hemmx skop illi wesgħa maqsuma b' ħajt baxx għal ħarsien tad-dgħajjes mill-ilmijiet tal-wied, tingħata żewġ ismijiet u għaldaqstant il-wesgħa kollha tingħata l-isem 'L-Iskall tad-Dgħajjes'.

3.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dr Georgine Schembri rigward bankina li saret mill-Kunsill xi snin ilu. Peress li għoliet il-bankina ta' Triq il-Madonna tal-Karmnu l-*garage* ma baqax aċċessibbli u għalkemm is-Sid ilu diversi snin ikellem lill-Kunsill biex is-sitwazzjoni tiġi rrimedjata, baqa' ma sar xejn. Sid il-post qed jitlob li titranġa sabiex il-bankina terġa' tiġi għal li kienet u l-*garage* jerġa' jiġi aċċessibbli bil-vetturi.
Il-Kunsill kien ser jirranġa hekk kif ġie mitlub wara li niltaqgħu mal-Perit.

3.04 Il-Kunsill irċieva żewġ *e-mails* mingħand residenta ta' Triq Profs. Ġużè' Aquilina, Il-Munxar. Hija qed tilmenta li quddiem il-ġirien tagħha hemm parkeġġ riservat għall-persuni b' diżabilita' u m'huwiex jintuża mill-ġirien li talbu għal dan il-parkeġġ riservat. Hija talbet biex dan jitneħħa. Ġie deċiż li tintbagħat ittra fejn ninformawhom li l-parkeġġ m'huwiex jintuża u jekk ser jibqa' ma jintużax, dan il-parkeġġ riservat jitneħħa.
Din il-persuna ċemplet ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv dwar il-lampa li hemm imwaħħla mal-post tagħha. Hija qed titlob li din titneħħa peress li qed iġġib ħafna nemus. Il-Kunsill beda jiddiskuti x' possibbilta' hemm li din titpoġġa ma' arblu jew isir fanal minflok din il-lampa. Il-Kunsill qabel li għalissa din għandha tibqa' fejn hi.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Mario Scerri fejn qed jirreferi għat-talba li għamillu l-Kunsill sabiex jagħti parir bil-miktub dwar jekk Kunsillier jistax jidħol biex jagħmel b' subappalt xogħlijiet imnedija b' offerti mill-Kunsill Lokali u li jkunu ingħataw lill-Kuntrattur, u sa fejn dan jista' jkun ta' preġudizzju għall-pożizzjoni tiegħu bħala Kunsillier.
Legalment ma jara ebda ostakolu jew projbizzjoni li Kunsillier jieħu xogħol tal-Kunsill b' subappalt mingħand il-Kuntrattur li jkun ħa x-xogħol tal-appalt wara sejħa għall-offerti.
Ikun prudenti għal dak il-Kunsillier li jkun fi ħsiebu jidħol għal xogħol b' subappalt li ma jipparteċipax f' deċiżjonijiet li jkollu jieħu l-Kunsill li b' xi mod ikunu relatati mal-Kuntratt priċipali tax-xogħol, u dan sabiex f' ebda waqt u bl-ebda mod ma jsib ruħu f' sitwazzjoni kompromettenti bejn ix-xogħol tiegħu u l-kariga ta' Kunsillier.
Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien irrefera din l-ittra lid-Direttur għall-Gvern Lokali sabiex jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Puttinu Cares Gozo Committee fejn qed jitolbu *sponsor* għall-attivitajiet li ser isiru fil-ġimgħat li ġejjin. Il-Kunsill ma jistax jagħti *sponsor*.

3.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sinjorina Kimberly Spiteri fejn qed tirreferi għar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) fejn skont dawn, impjegata tista' tingħata promozzjoni minn Skala 13 għal Skala 11 wara 3 snin ta' ħidma b' *performance* sodisfaċenti. Peress li hija ilha impjegata fil-Kunsill Lokali Il-Munxar bħala Uffiċjal Eżekuttiv Skala 13 għal aktar minn 3 snin u peress li r-responsabbiltajiet u x-xogħol fil-Kunsill żdiedu sostanzjalment, wasal iż-żmien illi hija tiġi promossa għal *Assistant Principal* Skala 11.
Hija qed titlob lill-Kunsill sabiex jikkunsidra t-talba tagħha u b' hekk tkun tokkupa l-pożizzjoni l-aktar xierqa għax-xogħol li qed tagħmel. Is-Segretarju Eżekuttiv irrakkomanda din it-talba. Il-Kunsill qabel li s-Sinjorina Kimberly Spiteri tiġi promossa għal *Assistant Principal* b' effett mill-1 ta' Mejju 2012.

Il-ħin kien id-9.10 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata għas-26 t' April 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija sabiex titkompla l-istess Aġenda.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |